MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2010

Numru 1266/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**

**Vs**

**Darryl Camilleri u**
**Terence Sciberras.**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Darryl Camilleri ta' 17-il sena bin Carmelo u Maria Dolores nee Mercieca, imwieled tal-Pieta' fit-22 ta' Lulju 1991, residenti Doreen 50 Triq it-Tankijiet Birżebbuġa u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0371891 (M)

u

Terence Sciberras ta’ 16-il sena bin Patrick u Tania nee Attard, imwieled tal-Pieta’ fid-19 t’Ottubru 1992 residenti Carobe Tree, 24, Triq il-Mandolina Birżebbuġa u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 0495392 (M)

Akkużati talli fit-22 ta’ Diċembru 2008 għall-ħabta tas-14.30 ġewwa Triq ir-Repubblika Valletta

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew li jqegħdu l-ħajja ta’ Clifford Galea ta’ 16-il sena f’perikolu ċar, ikkaġunawlu ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tal-istess Clifford Galea, liema offiża hija kwalifikata bħala gravi skond kif iċċertifikat minn Dr G.J. Sant MD ta’ St.Mary’s Clinic;

Lil Darryl Camilleri waħdu

2. talli pubblikament xewwex lil Terence Sciberras sabiex jagħmel reat għal fatt biss li xewxu.

Il-Qorti ntalbet li torħoġ ordni ta’ protezzjoni ai termini tal-artikolu 412C biex l-imputati jkunu pprojbiti milli javviċinaw lil Clifford Galea u r-residenza tiegħu kif ukoll li tali persuna tiffrekwenta.

Fil-każ ta’ ħtija ntalbet ukoll tipprovdi għas-sigurta’ ta’ Clifford Galea permezz tal-applikazzjoni tal-artikolu 382A et sequitur tal-Kap 9.

Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi ċ-ċertifikati tat-twelid tal-imputati u l-fedina penali tagħhom, il-kunsens tal-Avukat Ġenerali u tal-imputati sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji, id-dokumenti JG1, JG2, l-istqarrija ta’ Darryl Camilleri (JG3)(fol 19), il-current incident report (JG 5) (fol 21), l-istqarrija ta’ Terence Sciberras (Dok JG 4) (fol 23), il-current incident reprot a fol 32 (l-istess bħal ta’ fol 21), l-informazzjoni mogħtija mid-difiża lik l-partijiet ħafru lil xulxin (fol 38), id-dokument GS a fol 43, id-dikjarazzjoni magħmula minn Dr Angelo Farrugia a fol 44 fejn, għall-parte ċivili, irrinunzja għal dak kollu li huwa renunzjabbli f’dawn il-proċeduri purche’ li huma jobbligaw ruħhom fl-atti li għall-ebda raġuni ma jkellmuh jew javviċinawh**, u l-**

**ammissjoni magħmula minn Terence Sciberras fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2010.**

Semgħet il-provi bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat

Li fil-konfront ta' Terence Sciberras, ġaladarba huwa ammetta l-unika imputazzjoni dedotta kontrih, din hija ppruvata skond il-liġi u l-Qorti qed issibu ħati tagħha.

Fil-konfront ta' Darryl Camilleri, il-Qorti kkonsidrat dan li ġej.

Skond il-Prosekutur il-każ beda wara li Clifford Galea ID 578492 (M) fit-22 ta' Diċembru 2008, kien irrapporta fis-2.30pm kein ra lill-imputat Darryl Camilleri li qallu 'Jiena ma nsejtekx.' Qallu wkoll li xi darba jridu jiltaqgħu. Darryl Camilleri beda jsegwi lil Clifford Galea. Fil-pront marru ż-żewġ imputati. Terrence Sciberras ta daqqa ta' ras lil Clifford Galea fuq imnieħru. Dr.Sant iċċertifka li Clifford Galea kellu ksur fi mnieħru. (fol 13).

Miċ-ċertifikat a fol 18 jirriżulta:

'There is a fracture of the nasal bone.'

Mill-istqarrija ta' Darryl Camilleri jirriżulta li dan l-imputat kien iltaqa' mal-għarusa li kellu Clifford Galea u li beda joħroġ magħha l-imputat. Clifford Galea kien allega li kellu xi ritratti kompromettenti ta' din it-tfajla. Fil-jum in kwistjoni l-imputat kien qal lil Clifford Galea sabeix ma jkomplix jikkumiedja. Clifford Galea daħal fl-Embassay u wara ħareġ u miegħu kellu numru ta' ħbieb li bdew iħarsu lejn Darryl Camilleri. Malli wasal il-kuġin tiegħu Terence Sciberras l-imptuat Darryl Camilleri qal lil Terence Sciberras sabeix imorru jgħidulhom jaqtgħuha. Terence Sciberras qal lil Clifford Galea biex ma jparlax fil-vojt. Cliford Galea qallu li jekk irid jitilgħu l-Għassa u jiġġieldu u li jekk irid jiltaqgħu Paceville. Kien dak il-ħin li Terence

Sciberras ta daqqa ta' ras lil Cliofford Galea. Darryl Camilleri qabeż għal kuġinuh u malli ra li kuġinuh kien ser jagħti d-daqqa ta' ponn tah daqqa hu lil Clifford Galea. Imbagħad tah daqqtejn oħra wara li Clifford Gaela kienċ arratlu l-ġakketta.

Dr Marika Caruana kkonfermat li kien rreferiet lil Clifford Galea l-isptar għax kellha suspett li kellu mnieħru miksur u fil-Health Centre ma setax isir l-X Ray.
Xehed Clifford Galea li qal li kien iltaqa' ħdejn Darryl Camilleri quddiem l-Embassy. Dan stiednu għall-ġlied. Huwa kien daħal l-Embassy u wara sabu jistennieh barra. Huwa mbagħad kien waqaf ħdejn is-Savoy. Wara ra liż-żewġ imputati. Terence beda jistiednu għall-ġlied, tah daqqa ta' ras u qabżu fuqu tlieta oħra. Darryl, Terence u t-tnejn l-oħra bdew jagħtuh daqqiet ta' ponn ġo rasu.

**Darryl Camilleri kien tah daqqiet ta' ponn fuq imnieħru u fuq rasu.**

**Xehed Dr Godfrey Sant li qal li Clifford Galea kellu fracture fin-nasal bones. (fol 40). Huwa qal li by definition fracture tan-nasal bone hija serious injury. Huwa ma kienx jaf jgħid tfieqx fi żmien xahar.**

**Xehed l-imputat Darryl Camilleri (17 ta' Marzu 2010).** Huwa qal li Clifford Galea sfidahom biex imorru l-għassa jew Paceville. Il-ġleida bdiet fuq xi ritratti kompromettenti ta' tfajla li issa kienet qed toħroġ ma' Darryl Camilleri. L-imputat qal li Terence Sciberras kien ta daqqa ta' ras lil Clifford Galea u huma qabdu jagħtuh. Clifford galea kien ċarratlu l-ġakketta. Huwa qal ukoll li kien ta bl-idejn ġo żaqq Clifford Galea. Huwa kkonferma l-istqarrija li kien għamel.

Fil-kontro-eżami, l-imputat ammetta li kien hu li indirizza l-ewwel lil Clifford Galea. Ikkonferma wkoll dik il-parti tal-istqarrija fejn qal li 'kif rajtu ser itih daqqa ta' ponn lħaqt tajthielu jiena.'.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti.**

Mix-xhieda ta' Clifford Galea jirriżulta li d-daqqa fuq imnieħru kien qalagħha minn għand Darryl Camilleri.

Jirriżulta forensikament li d-daqqaa ġabet ksur fuq l-imnieħer tal-vittma.

Skond la-rtikolu 216(1)(b) l-offiża fuq il-persuna hija gravi;

'jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż'.

Ksur fl-imnieħer hija bla dubju ta' xejn offiża gravi li ġġib manakament jew sferġju fil-wiċċ.

Id-difiża ssottomettiet li jekk l-offiża ma ddumx aktar minn tletin jum, allur mhix waħda gravi. Bir-rispett kollu l-Qorti ma taċċettax dan l-argument. Il-paragrafu (b) tas-sub-inċiż (1) tal-artikolu 216, bl-ebda mod ma jsemmi termini la ta' xhur, la ta' jiem u laqnas ta' snin. Huwa biżżejjed li jkun hemm offiżi gravi fil-partijiet tal-ġisem hemm indikati. Is-sub-paragrafu (d) huwa indipendi mis-subparagrafu (b) għalies:

(a) dawn is-subparagrafi mhumiex marbuta bil-konġunzjoni 'u' bejneithom;
(b) is-subparagrafu (d) huwa dwar konsegwenzi totalment differenti mis-subparagrafu (b). Effettivament is-subparagrafu (d) għandu x'jaqsam ma' mard tal-moħħ jew tal-ġisem jew żamma mix-xogħol minħabba l-konsegwenzi. Il-ksur jew l-isfreġju fil-wiċċ (f'dan il-każ fl-imnieħer) jew fl-idejn jew fil-għonq mhux marbut u m'għġandux mas-subinċiż (d) fejn il-leġislatur kien qed jipprova jikkontrolla tipi oħra ta' offiżi gravi. Għalhekk m'hemm edba bażi għall-argument li għax il-ksur ma jdumx tletin jum, allura l-offiża mhix gravi. Konsegwentement, il-Qorti mhix tilqa' dan l-argument.

Għalhekk il-Qorti qed tiddeċiedi li Darryl Camilleri huwa ħati tal-ewwel imputazzjoni.

Dwar it-tieni imputazzjoni l-Prosekuzzjoni kellha f'moħħha l-artikolu 69 tal-Kodiċi Kriminali taħt it-Titolu 'Fuq id-delitti kontra l-Paċi Pubblika.'

Mill-fatti jirriżulta li kollox seħħ fi ftit minuti u ma jidhirx li kien hemm xi pjan, żgħir kemm żgħir, biex issir il-ġlieda. Ukoll jekk l-imputat qabeż għal sieħbu, ma jistax wieħed jikkonkludi li dan xewwex lil Terence Sciberras. Għaldaqstant ma jirriżultax li l-imputat Darryl Camilleri b'xi mod xewwex lil Terence Sciberras biex jagħmel reat.

Konklużjoni.

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 37, 216(1)(b) u 69 tal-Kap 9 issib lill-imputati ħatjin it-tnejn tal-ewwel imputazzjoni dedotta kontra tagħhom u qed tillibera lill-imputat Darryl Camilleri mit-tieni imputazzjoni (liema imputazzjoni hija dedotta fil-konfront tiegħu biss).

Il-Qorti, wara li rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-parte civili, qiest l-eta' tal-imputati u l-fedina penali tagħhom qed tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jagħmlu ebda reat ieħor fi żmien tmintax-il xahar mil-lum.

Il-Qorti spjegat l-artikolu 22 tal-Kap 446 lill-imputati fi kliem sempliċi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------